MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 493/2013

**Vanilla Telecoms Ltd**

**C 34939**

**Vs**

**EBN (Ebiz Networks Solutions) Ltd**

**C 30564**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta’ Awissu, 2013 fejn is-socjeta’ attrici tablet illi s-socjeta; attrici (Vanilla Telecoms Ltd) bieghet u kkonsenjat, lis-socjeta’ konvenuta EBN (Ebiz Networks Solutions) Ltd f’diversi konsenji fuq medda ta’ zmien, servizzi u apparat tal-internet u l-istess socjeta’ konvenuta naqset milli thallas is-somma kumplessiva ta’ elf u mija u hamsa u erbghin ewro u sebghin centezmu (€1,145.70) rapprezentanti bilanc minn somma akbar, u cioe’ il-valur tal-istess imsemmi servizz u apparat li gie mmibjugh u kkonsenjat mis-socjeta’ attrici fuq l-inkarigu u ghal beneficcju tal-istess socjeta’ konvenuta;

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata, mis-socjeta’ attrici, sabiex thallas l-imsemmi ammont ta’ elf u mija u hamsa u erbghin ewro u sebghin centezmu (€1,145.70), l-istess socjeta’ konvenuta baqghet inadempjanti nonostnate imsejjha biex thallas.

Is-socjeta’ konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fis-27 ta’ Jannar, 2014 fejn eccepiet illi, preliminarjament u b’mod generali, it-talba attrici hija nfondata fil-ligi u fid-dritt;

Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, preliminarjament ukoll u in limine it-talba attrici hija, jew in toto jew in parte, prhajr pregudizzju eskritta ai termini tal-Artikolu 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi, minghajr pregudizzju u subordinament ghas-suespost, il-pretensjoni tas-socjeta’ attrici hija nfondata ukoll ghax is-servizz fornit minnhom ma kienx ta’ livell tajjeb bizzejjed ghal konsum u dana ghax ma kienx fornit skond id-dettami tas-sengha w l-arti tal-professjoni;

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehdu rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta li spjegaw illi s-socjeta' konvenuta kienet tuxa s-servizzi tas-socjeta' attrici u dan ghal madwar erba' (4) snin. Sentejn minnhom kienu fuq sistema ta' bartering. Izda wara li spicca l-bartering xorta baqghu juzaw is-servizzi ghal sentejn ohra. Qalu ukoll illi l-kontijiet dejjem thallsu.

Xehed ukoll rapprezentant tas-socjeta attrici in subizzjoni dwar il-prezz li qed jintalab.

Illi fil-11 t'aGunju, 2014 is-socjeta' konvenuta resqet eccezzjoni ulterjuri u cioe l-preskrizzjoni that l-Artikoli 2147 u 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-socjeta' attrici prezentat risposta ghal din l-eccezzjoni u eccepiet:

1. Illi bhala eccezzjoni preliminari s-socjeta’ konvenuta eccepiet it-terminu preskrittiv kif mahsub f’artikolu 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi permezz tar-rikors taghha hawn fuq imsemmija l-istess socjeta’ konvenuta qieghda issa titlob iz-zieda tal-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2147 u 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta b’dan illi jekk kemm il-darba tintlaqa dina t-talba ikunu applikabbli fil-konfront tas-socjeta’ attrici tlett dispozzijonijiet separate ta’ preskrizzjoni;

3. Illi filwaqt illi huwa minnu li l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tista’ titqajjem fi kwalsijasi stadju tal-process gudizzjarju jigi umilment sottomess illi l-intenzjoni ta’ l-istess artikolu 2112 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta citat mis-socjeta’ konvenuta ma kienetx illi taghti l-fakolta lil min jitlob li jinvoka tlett termini separate u dan ghalxiex kull artikolu ta’ preskrizzjoni – f’dan il-kaz ormai l-artikoli 2147, 2148 u 2149 – **jippresupponu rapport guridiku separate bejn il-partijiet;**

4. Illi di piu jigi mfakkar illi l-intimat ghadu sa issa ma kkwalifakx dan ir-rapport guridiku u naqas milli jelenka liema subartikolu huwa relevant ghal kaz in kwistjoni. Ghalhekk, jekk it-talba tal-intimat tigi milqugha, l-istess intimat teknikament ser ikollu **erbatax il-kap differenti li jista’ jutilizza biex jilhaq l-ghan tieghu u dang had-detriment sproporzjonat tas-socjeta’ attrici**;

5. Illi f’kaz ipotetiku, ftit biss ‘l hinn mis-sitwazzjoni odjerna, parti tista’ tiddecidi li tinvoka kull artikolu, b’kull terminu differenti illi hemm disponibbli fil-ligi u dan permezz ta’ l-istess tal-argument prodott mis-socjeta’ konvenuta li tghid illi l-interpretazzjoni ta’ artikolu 2112 hekk trid;

6. Illi l-intimat ormai ezawrixxa kwazi kull terminu disponibbli fil-ligi sabiex jilhaq l-ghan tieghu li jeghleb il-pretensjonijiet rikorrenti u ghalhekk jigi umilment sottomess li minkejja li kif gja nghad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-process gudizzjarju, huwa guridikament insostenibbli u kontosens ta’ logika li jigu invokati tlett termini separate – li l-ebda minnhom ma hija kkwalifikata – u ghalhekk dina l-eccezzjoni ma tisthoqqx li tigi milqugha.

7. Illi in oltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk kemm il-darba t-talba konvenuta tintlaqa l-ispejjez ta’ l-istess talba ghandhom ikunu applikabbli kontra l-istess s-socjeta’ konvenuta stante t-tardivita’ tat-talba.

Illi wara li t-Tribunal ta' l-opportunita sabiex il-partijiet iressqu l-provi taghhom, it-Tribunal iddikjara l-provi maghluqa, semgha z-zewg partijiet jitrattaw biex jiddecidi l-kaz.

Wara li ra l-provi imressqa u ra wkoll il-korrispondenza bejn il-partijiet. Jidher minn dawn id-dokument ta' korrispondenza li illi kien biss l-ammont li ma qablux fuqu. Wiehed ma jistax jghid li skattat il-preskrizzjoni pero fl-istess waqt jghid illi ma jaqbilx ma l-ammont ghax gholi. Fis-sentenza Tabone Qabel Stellini Mary Rose vs Silvio Vassallo pro et noe deciza mill-Appell Civili sede Inferjuri fl-24 ta' Marzu, 2005 intqal illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn, imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jinterrompi ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri.

Il-ligi tghid illi r-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tkun cara u minghajr ekwidu. Il-korrispondenza hija cara tant illi tissemma wedgha ta' hlas. It-Tribunal iqis din bhala cara u minghjar ekwidenza. It-Tribunal huwa tal-fehma illi din hija azzjoni ta' hlas li gej minn operazzjoni kummercjali u ghalhekk taqa' that il-preskrizzjoni Art 2156 F ta' hames (5) snin.

Fir-rigward tat-tieni eccezzoni t-Tribunal jerga' jhares lejn il-korrispondenza u hawnhekk jirrizulta illi filwaqt li l-ammont kien qed jigi kkontestat is-servizz qatt ma gie kkontestat.

It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha u ghalhekk filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet mressqa mill-konvenut, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elf u mija u hamsa u erbghin ewro u sebghin centezmu (€1,145.70) lis-socjeta' attrici, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------